Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 15/2012

**Mary Spiteri**

**Vs**

**Assalone Zahra, John Baptist Spiteri, Direttur tal-Joint Office, Kummissarju tal-Artijiet u Toni Grech**

Il-Qorti,

Rat li r-rikors guramentat jaqra hekk:

Illi l-partijiet kontendenti Mary Spiteri, Assalone Zahra, John Baptist Spiteri, jew il-predecessuri taghhom fit-titlu xtraw individwalment u separatament permezz ta’ ghadd ta’ kuntratti (Dok A, B, C u D) ilkoll ippubblikati fl-istess gurnata (14 ta’ Mejju 1988) min-Nutar Dottor Antoine Agius numru ta’ porzjonijiet divizi ta’ raba’ minghand il-

Provincja tal-Patrijiet Agostinjani f'Malta imissu ma' xulxin u li sa dakinhar kienu jiffurmaw territorju wiehed imsejjah 'Tal-Annej' fl-inhawi ta' Triq l-Ghadira, Kercem, Ghawdex, liema porzjonijiet jidhru fuq il-pjanta mehmuza ma' wiehed mill-kuntratti (Dok A).

Illi l-attrici hija proprjetarja ta' bicctejn art immarkati bl-ittri u numri D1 u D2 rispettivament, fuq l-imsemmija pjanta, li xtrat permezz tal-kuntratt Dok B; kif ukoll tal-bicctejn art immarkati bl-ittri u numri C1 u C2 fuq l-istess pjanta originarjament mixtrija minn missierha Wenzu Spiteri (Dok C) *durante konjugo* u sehem ta' nofs indiviz tieghu gie minnu mholli lilha b'legat permezz ta' testment filwaqt li n-nofs l-iehor gie lilha mholli minn ommha Rosa Spiteri.

Illi l-konvenut Assalone Zahra huwa proprjetarju tal-qatghat A1 u A2 fuq l-imsemmija pjanta, li xtara permezz tal-kuntratt Dok A.

Illi l-konvenut John Baptist Spiteri huwa proprjetarju tal-qatghat E1 fuq l-imsemmija pjanta, li xtara permezz tal-kuntratt Dok D.

Illi kemm fil-kuntratt tal-akkwist tal-attrici (Dok B) kif ukoll f'dak ta' missierha (Dok C), hemm stipulat li "Dawn l-artijiet huma suggetti ghad-drittijiet ta' passaggi tax-xerrej u venditur sabiex jilhqu l-artijiet taghhom, cjoe' ghal fuq l-istess artijiet". Il-pjanta mehmuza mal-kuntratt Dok A, turi mnejn jghaddi l-passagg minn fuq il-qatghat tal-attrici u tispecifika car u tond li dan il-passagg 'ta' wisa ta' 3 piedi (punt .91m) fix-xitwa u 10 piedi (3 metri) fis-sajf';

Illi ricentement il-konvenuti qeghdin jivvantaw li ghandhom jeddijiet ferm ikbar ta' passagg minn dak stipulat fil-kuntratti msemmija tant li mill-porzjonijiet raba' proprjeta' tal-attrici qeghdin ighaddu mnejn ifettlilhom minflok biss mill-parti ndikata fil-pjanta u b'vetturi u ngenji kbar b'mod li qeghdin jutilizzaw passagg usa minn 10 piedi u dan b'mod indiskriminat kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa;

Illi Toni Grech huwa inkwilin ossia pussessur ta' porzjon raba' mill-istess territorju 'Tal-Annej' li sidha huwa l-

Kummissarju tal-Artijiet u amministrat mill-Ufficcju Kongunt li da parti tieghu akkwistaha in forza tal-ligi minghand il-Provincja tal-Patrijiet Agostinjani f'Malta u li tifforma parti mill-istess raba' li l-Patrijiet baqghu ma bieghux sakemm waqa' f'idejn il-Gvern ta' Malta u li wkoll qieghed jivvanta u fil-fatt qieghed jezercita dritt bhal dak tal-konvenuti l-ohrajn fuq imsemmija;

Illi l-konvenuti ma jgawdu minn ebda servitu' jew dritt iehor li jintitolahom juzaw il-passagg jekk mhux skont l-imsemmija kuntratti, izda ghalkemm gew interpellati jiddesistu minn dan l-agir, huma xorta komplew bl-agir taghhom, li huwa llegali, abbuziv u ta' pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-attrici;

Illi l-attrici ghandha nteress ovvju li jigi stabbilit li l-konvenuti qeghdin jivvantaw drittijiet u juzaw il-passagg b'mod li jmur oltre' l-jeddijiet taghhom stabbiliti permezz tal-imsemmija kuntratti;

L-attrici talbet ghalhekk lil din il-qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda jedd ta' passagg minn fuq il-proprjeta' taghha jekk mhux limitat ghal wisa' ta' zero punt disgha wiehed ta' metru (0.91m) fix-xitwa u ghal wisa' ta' tliet metri (3m) fis-sajf.

2. Tiddikjara li l-modalita' tal-moghdija taghhom fi zminijiet ricenti kif fuq indikat huwa wiehed illegali u abbuziv u konsegwentement

3. tordna lill-konvenuti biex juzaw l-imsemmi passagg biss bil-mod li ghandhom dritt ghalih kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Direttur tal-Joint Office u Kummissarju tal-Artijiet li permezz taghha eccepew:

(1) Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti ma humiex il-legittimi kontraditturi stante li mhu msemmi mkien x'illegalita' setghu kkommettew fil-konfront tar-rikorrenti u ghaldaqstant ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-uniku ness li jista' jkun hemm bejn l-esponenti u l-iskop ta' din il-kawza huwa biss li l-bicca art maghrufa bhala 'Ta' l-Annej jew tal-Ghannej', f'Kercem, Ghawdex, kienet originarjament tappartjeni lill-Provincja ta' l-Agostinjani u wara giet mghoddija lill-Ufficcju Kongunt. Imbaghad il-Kummissarju ta' l-Artijiet irrikonoxxa lil wiehed mill-intimati, u cjoe' lil Toni Grech, bhala wiehed mill-inkwilini f'din l-art;

(3) Illi l-inkwilin Toni Grech huwa lest li jikkoopera u fil-fatt rega' beda juza' l-moghdija hekk kif kien miftiehem mar-rikorrenti minn meta rcieva l-ittra ufficjali;

(4) Illi l-esponenti m'ghandu jitqies responsabbli ghall-ebda nuqqas li seta' wettaq l-inkwilin tieghu peress li l-*policy* uzata mill-esponenti hija li l-kerrejja u gabillotti ghandhom josservaw il-passaggi jew servitujiet ezistenti u qatt ma jistghu jibdlu dak il-ftehim jew jidhlu f'xi ftehim iehor minghajr il-kunsens bil-miktub tal-esponenti, u b'hekk l-esponenti ghandhom jigu mehlusin mill-ispejjez kollha tal-kawza inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali;

(5) Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-gudizzju peress li huma qatt ma ghaddew mill-passagg imsemmi u ghalhekk ma ghandhomx jehlu ghal irregolaritajiet li ma gewx imwettqa minnhom;

Bl-ispejjez.

Rat li permezz tar-risposta guramentata taghhom il-konvenuti l-ohra ddikjaraw u eccepew hekk:

1. Huma jaqblu mal-kontenut tar-rikors guramentat hekk kif promoss mill-attrici salv ghall-fatt illi minn meta huma gew interpellati permezz tal-ittra ufficjali da parti tal-attrici

huma ma vvantaw l-ebda dritt ta’ passagg oltre’ l-limiti ntitolat lilhom;

2. Illi in vista ta’ dan, l-esponenti ma joggezzjonawx ghat-talbiet attrici ossia

i. sabiex jigi ddikjarat illi l-konvenuti ghandhom dritt ta’ passagg f’wisa’ ta’ tliet (3) piedi pari ghal zero punt disgha wiehed metri (0.91m) fix-xitwa, u ghaxar (10) piedi pari ghal tliet metri (3m) fis-sajf;

ii. sabiex jigi dikjarat illi kwalunkwe modalita’ ohra oltre’ dan il-mod huwa wiehed illegali u abbuziv; u

iii. sabiex tordna lill-konvenuti juzaw l-imsemmi passagg biss bil-mod li ghandhom dritt ghalih kif spjegat.

3. L-esponenti qeghdin joggezzjonaw ghall-kap ta’ l-ispejjez stante illi l-kawza saret inutilment peress li huma ddezistew milli jivvantaw xi drittijiet ulterjuri minn dawk li effettivament ghandhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat lil-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attrici talbet dikjarazzjoni li l-konvenuti m’ghandhom l-ebda jedd ta’ passagg minn fuq il-proprjeta’ taghha jekk mhux limitat ghal wisa’ ta’ 0.91m fix-xitwa u ghal wisa’ ta’ 3m fis-sajf. Talbet ukoll li l-modalita’ tal-moghdija taghhom fi zminijiet recenti kienet wahda llegali u abbuziva u konsegwentement talbet lill-qorti tordna lill-konvenuti biex juzaw l-imsemmi passagg biss bil-mod li ghandhom dritt ghalih.

Il-konvenuti Direttur Joint Office u l-Kummissarju tal-Artijiet eccepew primarjament li mhumiex il-legittimi kontradittturi.

Il-konvenuti l-ohra filwaqt fil-mertu m'oggezzjonawx ghat-talbiet attrici eccepew li huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-procedura ghaliex minn mindu rcevew l-ittra ufficjali mibghuta mill-attrici bdew ighaddu mill-mghoddija inkwistjoni kif stipulat fil-kuntratti u kif suppost.

Illi ghalhekk in vista li l-konvenuti Assalone Zahra, John Baptist Spiteri u Toni Grech ammettew it-talbiet attrici fil-mertu, il-kwistjoni li fadal li tigi trattata hija dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Illi mhux kontestat li l-attrici f'Dicembru 2011 baghtet ittra ufficjali lill-konvenuti kollha. Kienu biss id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt u l-Kummissarju tal-Artijiet li rrispondew ghall-istess ittra ufficjali. Infatti fix-xhieda taghhom, Anthony Grech[1], John Baptist Spiteri[2] kif ukoll Assalone Zahra[3] qalu li huma ma rrispondewx ghall-ittra ufficjali. Dawn it-tliet konvenuti wkoll xehdu fis-sens li qabel ma rcevew l-ittra ufficjali mill-attrici kienu ilhom snin ighaddu minn dan il-passagg kemm bir-rigel kif ukoll bil-karozza. Spiteri xehed li huwa qatt m'ghadda b'ingenji ghax ma jsuqx madankollu rrizulta li martu ssuq u gieli ghaddiet.

Assalone Zahra xehed li sa dakinhar li rcieva l-ittra ufficjali minghand Mary Spiteri hadd ma kien qalilhom biex ma ighaddux u kienu dejjem ighaddu minn din il-moghdija bl-ingenji. Huwa xehed ukoll:

*"Nghid illi hekk kif jiena rcevejt dik l-ittra kont ikkomunikajt ma' Dr Grazio Mercieca u ghidtlu illi ahna minn dejjem konna nghaddu minn hemmhekk bl-ingenji u ghidtlu wkoll illi l-mara fadlilha dritt ta' legittima u huwa qalli illi dik kienet tohodha fi flus. Staqsieni jekk ahna konniex ser nibqghu nghaddu jew le u nghid illi jiena ghidtlu illi nara skont ma tiddeciedi l-Qorti".*

[1] Seduta tal-10 ta' Mejju 2012 a fol 54 tal-process
[2] Seduta tal-25 ta' Settembru 2012 a fol 57 tal-process
[3] Seduta tal-4 ta' Dicembru 2012 a fol 60 tal-process

Dawn it-tliet konvenuti wkoll kollha xehdu li wara li rcevew l-ittra ufficjali ma baqghux ighaddu aktar bl-ingenji. It-tlieta li huma xehdu wkoll li lil Mary Spiteri ma kellmuhix.

Mary Spiteri[4] xehdet li sakemm mietet ommha fis-sena 2007 l-ezercizzju tad-dritt tal-passagg minn min kellu dan id-dritt kien qieghed isir kif suppost. Izda mbaghad beda jsir uzu ta' dan il-passagg anki fix-xitwa bl-Ingenji u ghalhekk kienu jaghmlu l-hsara liz-zera' taghha. Infatti semmiet diversi episodji li pprecedew il-prezentata ta' l-ittra ufficjali u ta' din il-kawza. Hija xehdet li l-konvenuti ghaddew bl-ingenji anki fix-xitwa tas-sena 2011 ossija wara l-prezentata ta' l-ittra ufficjali. Infatti b'referenza ghal meta intbaghtet l-ittra ufficjali f'Dicembru 2011 tghid *"Hadd ma rrisponda. X'hin ma rrisponda hadd baqghu jghaddu u ghalhekk fis-6 ta' Marzu 2012 kelli naghmel il-kawza. X'hin ircevew il-kawza ma baqghux jidhlu daqshekk, izda xorta wahda baqghu jidhlu. Il-passagg fil-prezent hu wiesa' bhalma jkun fis-sajf"*

Il-kwistjoni li trid tigi determinata fil-konfront ta' dawn it-tliet konvenuti hija ghalhekk jekk ghandhiex titwemmen il-verzjoni taghhom li hekk kif ircevew l-ittra ufficjali ma baqghux jidhlu bl-ingenji fix-xhur tax-xitwa jew inkella ghandhiex titwemmen il-verzjoni attrici.

Din il-qorti bla ebda dubju temmen lill-verzjoni attrici. Huwa aktar minn ovvju li din il-kwistjoni ma kellhiex tasal s'hawn anzi setghet tigi rizolta facilment. Fl-ewwel lok il-konvenuti Assalone Zahra u John Baptist Spiteri kienu jafu jew kellhom kull interess li jkunu jafu li l-ezercizzju tad-dritt tal-moghdija ghandu jkun kif sostnut mill-attrici. Dan jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u li taghhom huma kienu firmatarji. Tant kienu jafu li hekk kif ircevew ir-rikors guramentat fir-risposta guramentata taghhom iddikjaraw li huma qeghdin jaqblu maghha. Fit-tieni lok mhux kontestat li dawn it-tliet konvenuti ma rrispondewx ghall-ittra ufficjali u lanqas kellmu lill-istess attrici. Ghalhekk ghall-attrici fin-nuqqas ta' risposta bilfors riedet tagixxi gudizzjarjament sabiex tipprotegi l-interessi taghha. Fit-tielet lok, l-attrici

[4] Fl-affidavit taghha a fol 65 tal-process

ma kellhiex alternattiva hlief li tipprocedi bil-kawza ghaliex dawn it-tlett konvenuti wara li rcevew l-ittra ufficjali xorta wahda kien hemm drabi fejn ghaddew bl-ingenji minn fuq wisa' ta' aktar minn tlett pied. Il-qorti ma tqisx kredibbli x-xhieda taghhom meta sostnew li ma baqghux ighaddu ghax il-provi wrew mod iehor.

Il-qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Toni Spiteri[5], li huwa hu l-attrici u hu l-konvenut John Baptist Spiteri li mhux parti f'din il-kawza, meta qal:

*"Mistoqsi meta rajt lil Assalone Zahra u lil John Baptist Spiteri u Toni Grech jghaddu minn dan il-passagg, nghid illi fix-Xitwa, anki f'xita niezla, rajthom ghaddejjin, dan kemm f'tat-thousand eleven (2011), fis-sena elfejn u hdax (2011) u s-sena elfejn u tnax (2012). Inkompli nzid ukoll illi bilfors minn hemm iridu jghaddu. Nghid illi meta jiena ghidt illi fis-sena elfejn u hdax (2011) u s-sena elfejn u tnax (2012) rajthom ghaddejjin minn din il-moghdija, huma kienu qeghdin jghaddu b'ghaxar (10) piedi. Nixtieq nispjega li din l-ghalqa hija ta' ohti, pero' jiena ghandi wkoll raba' fl-inhawi u allura dan li qed nixhed dwaru kont narah isehh quddiemi. B'referenza ghall-paragrafi disgha (9) u ghaxra (10) tal-affidavit tieghi, qed nigi mistqosi meta nqalghu l-argumenti jien kontx prezenti, nghid illi iva, nghid illi jiena kont qed nizra' u nahrat ir-raba' ta' ohti u rajthom ghaddejjin, kienu nezlin bil-jeep ghaliex riedu jtellghu l-patata mir-raba' taghhom. Nghid illi f'din il-gurnata kont rajt lil Ronni Zahra u lil Assalone Zahra. Nghid ukoll illi kien hemm ukoll darba ohra illi kien lejn l-ahhar ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn jien u ohti konna qed nizirghu din id-darba r-raba' tieghi u ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00p.m.) rajt lil Ronnie Zahra bit-tractor u missieru tela' warajh bil-jeep u nizlu fl-ghalqa biex jahartu l-istess raba' u ghaddew minn dan il-passagg li suppost kien ta' tliet (3) piedi, pero' kienu qeghdin jezercitaw b'aktar wisa'.*

*Jiena m'iniex naqbel mas-suggerimenti illi jiena ma rajthomx dehlin imma rajthom meta kienu diga' l-ghalqa*

[5] Affidavit a fol 68 tal-process u kontro-ezami fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013

*ghaliex fil-fatt jiena rajthom dehlin, rajnihom ghaddejjin. Qed nigi mistoqsi jekk Assalone Zahra ghandux passagg minn x'imkien iehor, nghid illi iva, pero' dana f'dak iz-zmien illi jiena qed nixhed dwaru, dak il-passagg kien mizrugh u allura ma setax jghaddi minnu. Nghid illi meta ntbaghtet l-ittra ufficjali minn ohti xorta wahda kienu qeghdin jgahddu minn fuq dan il-passagg mertu tal-kawza odjerna. Fil-fatt il-passagg l-iehor illi qieghed jissemma', dak iz-zmien kien ghadu mizrugh zergha. Fuq domanda tal-Qorti qed nigi mistqosi jekk wara l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) il-konvenuti, hlief il-Kummissarju tal-Artijiet, baqghux ighaddu minn dan il-passagg oltre' t-tliet (3) piedi, nghid illi ghamlu x-xitwa kollha jghaddu minn dan il-passagg oltre' t-tliet (3) piedi, nghid illi ghamlu x-xitwa kollha jghaddu minn dan il-passagg. Issa mitlub nispjega x-xitwa bejn wiehed u iehor; meta qed nghid ix-xitwa f'termini agrikoli, qed nghid illi baqghu jghaddu sa' Mejju ta' dik is-sena".*

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** [6] fejn gie ritenut:

*"Forsi jkun opportun, qabel approfondiment tal-kritika tal-motivazzjoni*
*fis-sentenza appellata in korrelazzjoni mar-rizultanzi processwali, illi jigu kummentati l-principji tad-dritt in materja ta' spejjez gudizzjarji.*

*L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez". Skond id-dispost tat-tielet subinciz "il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".*

*Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma*

[6] Appell Civili Nru: 98/2002PS deciza fis-16 ta' Settembru 2004

*jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (**Kollez. Vol XLVIII pI p445**; **Vol XXXIX pI p340**; **Vol XXVI pI p173**).*

*Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (**Kollez. Vol XLIX pI p190**). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a **Vol XXXIII pII p55** illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur".*

*-------Omissis--------------*

*Di fronte ghall-attitudini tal-konvenuta appellata li, nonostante interpellazzjonijiet, naqset li thallas dak minnha dovut f'drittijiet lis-socjeta` appellanti, u billi wkoll, kif ricevut mir-rizultanzi processwali, ma kien hemm l-ebda raguni ghal tali kondotta, l-Qorti ssib motiv serju biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni tat-Tribunal u li tadotta r-regola
stabbilita fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap 12".*

Illi ghar-rigward tal-konvenuti l-ohra d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt u l-Kummissarju tal-Artijiet ma hemm l-ebda allegazzjoni li dawn il-konvenuti fizikament uzaw id-dritt tal-moghdija bil-mod mhux kif stipulat. Huma eccepew li m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Dawn il-konvenuti tharrku billi Toni Grech (wiehed mill-konvenuti) huwa l-inkwilin ta' bicca art li originarjament kienet tappartjeni lill-Provincja ta' l-Agostinjani u wara giet mghoddija lill-Ufficcju Kongunt. Sussegwentement il-Kummissarju ta' l-Artijiet irrikonoxxa lil Toni Grech bhala inkwilin. Dan jirrizulta mir-risposta guramentata ta' dawn l-istess konvenuti. Kwindi l-attrici ma kellhiex triq ohra hlief li tharrek lill-istess konvenuti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Francis Gauci vs Saviour Brincat**[7] intqal:

*"Il-Qorti tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet "Rosario Cutajar vs Giovanna Caruana" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Frar 1947 (Vol. XXXIII.ii.39) fejn giet kristalizzata l-pozizzjoni hekk:*

*"Illi huwa wkoll stabbilit illi l-azzjonijiet jew l-eccezzjonijiet li huma intizi sabiex jigi mantenut l-ezercizzju ta' servitu' li jappartjeni lill-fondi jew sabiex jigu liberati minn dawk is-servitujiet li xi hadd ikun jippretendi li ghandu dritt jezercita fuqhom, ma jistghux hlief jigu ezercitati mill-propjetarji ta' l-istess fondi."*

*Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet "Paul Vella vs Albert Spiteri" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (HH) fil-11 ta'Marzu 1983, fejn l-attur ibbaza t-talba tieghu fuq l-ezistenza o meno tas-servitu' ta' stillicidju favur il-fond tal-konvenut fuq is-suppozizzjoni zbaljata li l-konvenut kien il-propjetarju ta' l-istess fond, Il-Qorti rrimarkat:*

*"Illi l-kwistjoni tal-esistenza o meno ta' servitu ma hiex materja ta' azzjoni possessorja izda ta' azzjoni petitorja li tirrigwarda lil sid il-fond*
*u ghalhekk l-azzjoni prezenti kien imissha originarjament giet ezercitata kontra sid il-fond u mhux biss kontra l-persuna li suppost ghamlet ix-xogholijiet li minnhom qed jilmenta l-attur.*

---
[7] Cit Nru: 718/91DS deciza fit-12 ta' Lulju, 2002

*Illi dan in-nuqqas ma jistax jigi rimedjat bil-kjamata in kawza ta' sid il-fond ghaliex trattandosi, kif inghad, ta' kwistjoni ta' servitu' sid il-fond kien imissu jigi citat ab initio u n-necessita' tal-prezenza tieghu fil-gudizzju ma inqalghetx fil-kors tal-kawza (ara Kollezzjoni Decizjonijiet XL-I-62 u l-gurisprudenza hemmhekk citata)."*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti Direttur tal-Joint Office u Kummissarju tal-Artijiet li m'humiex legittimi kontradditturi, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

1. Tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda jedd ta' passagg minn fuq il-proprjeta' taghha jekk mhux limitat ghal wisa' ta' zero punt disgha wiehed ta' metru (0.91m) fix-xitwa u ghal wisa' ta' tlett metri (3m) fis-sajf.

2. Tiddikjara li l-modalita' tal-moghdija taghhom fi zminijiet ricenti kif fuq indikat huwa wiehed illegali u abbuziv u konsegwentement

3. Tordna lill-konvenuti biex juzaw l-imsemmi passagg biss bil-mod li ghandhom dritt ghalih kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------